



PROTEZZJONI TAD-DATA PERSONALI TIEGĦEK

**Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tipprovdi informazzjoni
dwar l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-data personali tiegħek.**

Operazzjoni ta' proċessar: in-Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE

Kontrollur tad-data: il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni

Referenza tar-reġistrazzjoni: għall-Kummissjoni Ewropea: DPR-EC-32988, għall-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni: RD I-1

Werrej

- 1. Introduzzjoni**
- 2. Għaliex u kif nipproċessaw id-data personali tiegħek?**
- 3. Għal liema raġuni(jiet) ġuridika/ġuridiċi nipproċessaw id-data personali tiegħek?**
- 4. Liema data personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?**
- 5. Għal kemm żmien inżommu d-data personali tiegħek?**
- 6. Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-data personali tiegħek?**
- 7. Min għandu aċċess għad-data personali tiegħek u lil min tiġi divulgata?**
- 8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?**
- 9. Dettalji ta' kuntatt**
- 10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?**

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") u l-Komitat Ewropew tar-Reġjuni ("il-KtR") jimpenjaw ruħhom biex jipproteġu d-data personali tiegħek u jirrispettaw il-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tkompli ttipproċessa d-data personali skont ir-[Regolament \(EU\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data ("ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data").

Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tispjega r-raġuni għaliex nipproċessaw id-data personali tiegħek, il-mod kif niġbru u nittrattaw id-data personali kollha li tiġi pprovduta, kif niżguraw il-protezzjoni tagħha, kif tintuża din l-informazzjoni, u liema drittijiet għandek b'raba mad-data personali tiegħek. Din tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-Data responsabbli li tista' tikkuntattja biex teżerċita d-drittijiet tiegħek, kif ukoll id-dettalji tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Id-data personali tiegħek tista' tinġabar u tiġi pproċessata għall-governanza u l-ġestjoni konġunti tan-Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE ("in-Network"). In-Network huwa r-riżultat tal-fużjoni ta' żewġ networks eżistenti: in-network tal-Kummissjoni "Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Kunsilliera Lokali" ("in-network tal-Kummissjoni") u n-Network Ewropew ta' Kunsilliera Reġjonali u Lokali tal-KtR ("in-network tal-KtR").

Il-Kummissjoni u l-KtR huma responsabbli, bħala kontrolluri konġunti, għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek. Ir-responsabbiltajiet kondiviżi tagħhom huma definiti fid-dettall fl-Arranġamenti ta' Kontroll Konġunt rispettivi.

Is-servizz responsabbli (kontrollur delegat) min-naħa tal-Kummissjoni huwa l-Unità C.2 fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni.

Is-servizz responsabbli (kontrollur delegat) min-naħa tal-KtR huwa l-Unità DI fi ħdan id-Direttorat D għall-Komunikazzjoni.

2. Għaliex u kif nipproċessaw id-data personali tiegħek?

Id-data personali tiegħek se tiġi pproċessata b'mod konġunt mill-kontrolluri konġunti sabiex:

- jiġi implimentat il-proċess ta' amalgamazzjoni taż-żewġ networks inizjali fin-Network;
- ikun hemm governanza u ġestjoni konġunti tan-Network;
- jiġi ġestit b'mod konġunt il-proċess ta' applikazzjoni tal-membri, jiġifieri biex l-applikanti jiġu rreġistrati fin-Network u tiġi approvata s-sħubija tagħhom permezz ta' applikazzjoni u proċess ta' sħubija uniċi;
- jiġu provduti servizzi u informazzjoni lill-membri tan-Network (eż. il-membri jiġu mistiedna għal żjarat ta' prijorità u jiġu infurmati dwar il-politiki tal-UE, jiġu provduti webinars ta' merħba u taħriġ dwar suġġetti tal-UE, jingħataw aċċess għal sett ta' għodod ta' komunikazzjoni, u jingħataw aċċess sħiħ għall-għodod u l-pjattaformi disponibbli);

- jiġu kkuntattjati l-membri tan-Network u jkunu jistgħu jinkisbu riżultati tanġibbli allinjati mal-preferenzi tal-membri (eż. it-tfassil tal-programm ta' avvenimenti/żjarat ta' studju/opportunitajiet ta' networking, il-bgħit ta' aħbarijiet relatati ma' suġġetti tal-UE);
- jiġu appoġġjati l-attivitajiet tal-media soċjali tal-membri stess.

Id-data personali tiegħek mhijiex se tintuża għal teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati jew għat-tfassil ta' profili.

3. Għal liema raġuni(jiet) ġuridika/ġuridiċi nipproċessaw id-data personali tiegħek?

Nipproċessaw id-data personali tiegħek minħabba li:

- l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni;

Il-bażi legali għall-ipproċessar tad-data personali hija l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data: "l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni".

In-Network huwa ġestit mill-Unità C2 fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, u mill-Unità DI tal-KtR, skont il-Ftehim Amministrattiv bejn il-Partijiet iffirmat fit-12 ta' Diċembru 2024. Il-Ftehim Amministrattiv ġie konkluż fil-qafas tal-Protokoll rivedut dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-KtR, iffirmat fl-20 ta' Marzu 2024, b'mod partikolari l-Kapitolu V.

L-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-proġett huwa kompitu li jirriżulta mill-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell istituzzjonali. L-ipproċessar tad-data personali b'rabta man-Network huwa meħtieġ għall-ġestjoni u l-funzjonament tal-Kummissjoni, kif previst fit-Trattati, u b'mod aktar speċifiku l-Artikolu 13 tat-TUE, u f'konformità mal-Artikoli 1 u 11 tat-TUE.

Barra minn hekk, in-Network tal-Kunsilliera Lokali huwa proġett ewlieni tal-UE u għodda biex jiġu massimizzati s-sensibilizzazzjoni u l-involviment fil-livell lokali, kif deskritt fil-programm ta' ħidma annwali tad-DĠ COMM għall-2025.

- is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali tiegħu għal fini speċifiku wieħed jew aktar;

Għal ċerti partijiet tal-ipproċessar, is-suġġetti tad-data jagħtu l-kunsens tagħhom biex:

- jirċievu komunikazzjoni mill-Kummissjoni u l-KtR wara li jissieħbu fin-Network;
- jiġu kkuntattjati minn membri oħra tan-Network;
- jidhru fuq il-mappa pubblika tan-Network, kif ukoll fit-taqsimha mfassla biex tippromovi l-attivitajiet tal-membri, aċċessibbli fuq is-sit web tan-Network;
- jattendu avvenimenti u webinars;
- jittieħdu ritratti (mill-viċin) tagħhom matul avvenimenti u webinars;
- jirċievu bullettini, pjanċi bl-ismijiet tal-kelliema u materjal ta' pubbliċità biex jintużaw waqt l-avvenimenti tan-Network.

4. Liema data personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?

Tinġabar id-data personali li ġejja, u din hija meħtieġa biex wieħed isir membru tan-Network:

- Isem u kunjom;
- Ġeneru;
- Data tat-twelid;
- Il-pajjiż u l-lokalità rrappreżentati (bil-kodiċi postali inkluż);
- Titlu (fil-lingwa tal-membri);
- Affiljazzjoni ma' gruppi politiċi nazzjonali u tal-UE;
- Id-data tat-tmiem tal-mandat tal-membri bħala rappreżentanti eletti fi gvern, parlament jew assemblea ta' reġjun, belt, belt żgħira, provinċja, municiplità jew raħal;
- Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tat-telefon);
- Lingwa jew lingwi;
- Temi primarji ta' interess b'rabta mal-UE.

Data personali oħra tal-membri tan-Network, bħal ritratti mill-viċin, tista' tinġabar abbażi tal-kunsens tal-membri. Fil-każ ta' avvenimenti speċifiċi organizzati b'rabta man-Network, il-membri jiġu infurmati dwar il-mod kif id-data tagħhom se tiġi pproċessata permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' privatezza ddedikati.

Id-data personali li ġejja tinġabar mill-uffiċjal ta' kollegament:

- Isem u kunjom;
- Titlu tal-kariga;
- Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku, numru tat-telefon);
- Lingwi.

5. Għal kemm żmien inżommu d-data personali tiegħek?

Il-Kummissjoni u l-KtR m'għandhomx iżommu jew jipproċessaw data personali aktar milli jkun meħtieġ biex iwettqu l-iskopijiet tal-ipproċessar, deskritti f'din id-Dikjarazzjoni ta' Privatezza.

Jekk persuna ma tibqax membru tan-Network (eż. minħabba li jintemmilha l-mandat jew billi titlob li titħassar min-Network), il-Kummissjoni u l-KtR u l-proċessuri tagħhom jieħdu passi raġonevoli biex ineħħu l-informazzjoni rilevanti mill-pjattaforma interattiva online u s-sit web mingħajr dewmien żejjed u fi żmien xahar wara n-notifika tat-tmiem tal-mandat jew it-talba biex membru jiġi tħassar min-Network.

Data personali limitata, bħal data dwar is-sħubija (isem, tip/durata tal-mandat, affiljazzjoni ma' gruppi politiċi nazzjonali u tal-UE, pajjiż u awtorità pubblika rappreżentati), u kontenut awdjoviżiv partikolari jistgħu jiġu arkivjati għall-preservazzjoni permanenti f'bażi tad-data li tkun il-proprjetà tal-kontrolluri konġunti, għal finijiet storiċi u fl-interess pubbliku biex l-istorja u l-wirt awdjoviżiv tal-Unjoni Ewropea jiġu dokumentati, preservati u jsiru disponibbli, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-data personali tiegħek?

Id-data personali kollha f'format elettroniku tinħażen fuq is-servers tal-Kummissjoni, tal-KtR u tal-proċessuri tagħhom. L-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha jitwettqu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea.

Il-proċessuri tal-Kummissjoni u tal-KtR huma marbuta bi klawżola kuntrattwali speċifika għal kwalunkwe operazzjoni ta' pproċessar ta' data personali f'isem il-Kummissjoni u l-KtR, u bl-obbligi ta' kunfidenzjalità li jirriżultaw mir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data (GDPR).

Sabiex jiproteġu d-data personali tiegħek, il-Kummissjoni u l-KtR daħħlu fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzattivi. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet adatti biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-data, it-tibdil tad-data jew l-aċċess mhux awtorizzat, waqt li fl-istess ħin jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-data personali biss għall-persuni awtorizzati bi ħtieġa leġittima ta' tagħrif għall-iskopijiet ta' din l-operazzjoni tal-ipproċessar.

7. Min għandu aċċess għad-data personali tiegħek u lil min tiġi divulgata?

Il-Kummissjoni, il-kuntrattur assenjat għall-proġett, il-persunal tal-KtR responsabbli għat-twettiq ta' din l-operazzjoni tal-ipproċessar u l-persunal awtorizzat jingħataw aċċess għad-data personali tiegħek skont il-prinċipju ta' "ħtieġa ta' tagħrif". Jingħataw aċċess ukoll ir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-gruppi politiċi tal-KtR biex ikunu jistgħu jivvalidaw l-applikazzjonijiet ta' sħubija fin-Network u għal attivitajiet ta' komunikazzjoni. Dawn il-membri tal-persunal għandhom jirrispettaw il-ftehimiet ta' kunfidenzjalità statutorji u, fejn meħtieġ, ftehimiet addizzjonali.

Il-proċessuri li għandhom aċċess għad-data personali huma:

- Għall-Kummissjoni: NETCOMPANY – INTRASOFT S.A.
- Għall-KtR: Microsoft

Id-data personali li ġejja hija disponibbli pubblikament fuq is-sit web tan-Network u hija aċċessibbli wkoll għall-membri tan-Network mill-pjattaforma ta' networking online: isem, kunjom, pajjiż, reġjun u awtorità lokali.

Barra minn hekk, iċ-ċentri EUROPE DIRECT għandhom aċċess għal-listi ta' indirizzi elettroniċi u għall-fajls stampati u elettroniċi li jistgħu jinkludu data personali tal-membri tan-Network li għandha tinġabar fuq bażi ta' "ħtieġa ta' tagħrif" mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni, ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni u l-kuntrattur.

Id-data personali tiegħek mhix se tiġi trasferita lil Stati Membri mhux tal-UE jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali.

8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14-25) tar-Regolament dwar il-protezzjoni tad-data, għandek drittijiet speċifiċi bħala suġġett tad-data. Fir-rigward ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar, tista' teżerċita d-drittijiet li ġejjin:

- id-dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħek (l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data);
- id-dritt ta' rettifika f'każ li d-data personali tiegħek ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta (l-Artikolu 18 tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data);
- id-dritt għal tħassir tad-data personali tiegħek (l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data);
- fejn applikabbli, id-dritt li tirrestrinġi l-ipproċessar tad-data personali tiegħek (l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data);
- id-dritt għall-portabbiltà tad-data (l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data);
- id-dritt li togħġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek li jitwettaq legalment skont l-Artikolu 5(1)(a).

Tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-Kontrollur tad-Data. L-irtirar mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma int tkun irtirajt il-kunsens.

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-Kontrolluri tad-Data, jew f'każ ta' kunflitt lill-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data. Jekk ikun meħtieġ, tista' tikkuntattja wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. L-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom hija mogħtija fil-punt 9 hawn taħt.

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni tal-ipproċessar speċifika waħda jew aktar, fit-talba tiegħek ipprovdvi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-referenza/i tar-reġistrazzjoni tagħhom kif speċifikat fil-punt 10 hawn taħt).

9. **Detalji ta' kuntatt**

- **Il-Kontrolluri tad-Data**

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, jekk għandek kummenti, mistoqsijiet jew tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment dwar il-ġbir u l-użu tad-data personali tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-Kontrolluri tad-Data:

- Għall-Kummissjoni: l-Unità C.2 fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (COMM-C2@ec.europa.eu)
- Għall-KtR: l-Unità DI fi ħdan id-Direttorat D għall-Komunikazzjoni (EU-Councillors@cor.europa.eu)

- **L-Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data (UPD)**

Tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) jew lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-KtR

(data.protection@cor.europa.eu) fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek skont ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

- **Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)**

Għandek id-dritt tirrikorri (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu) jekk jidhirlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data b'riżultat tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek mill-Kontrollur tad-Data.

10. **Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?**

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) tal-Kummissjoni jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar tad-data personali mill-Kummissjoni, li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru hawnhekk: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.

Din l-operazzjoni tal-ipproċessar speċifika għet inkluża fir-reġistru pubbliku tal-UPD bir-referenza tar-reġistrazzjoni li ġejja: DPR-EC-32988.

Ir-referenza tal-KtR: DPO RD I-1
